

Appell ippreżentat fl-10 ta' Frar 2022 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fl-1 ta' Diċembru 2021 fil-Kawża T-546/20, Sopra Steria Benelux u Unisys Belgium vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-101/22 P)

(2022/C 207/19)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. André, M. Ilkova, O. Verheecke, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: Sopra Steria Benelux, Unisys Belgium

Talbiet

- Tannulla l-punti 52 sa 57, 60, 61, 66, 68 u 69 tas-sentenza appellata;
- Tiċħad it-talba għal annullament;
- Tikkundanna lil Sopra Steria Benelux u Unisys Belgium għall-ispejjeż ta' din il-kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

Fil-kuntest tal-appell tagħha, il-Kummissjoni tqajjem tliet aggravji.

L-ewwel aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali billi kklassifikat l-ittra tal-partijiet rikorrenti fl-ewwel istanza tal-10 ta' Lulju 2020 bħala "talba espressa" intiża biex jinkisbu r-raġunijiet li wasslu lill-awtorità kontraenti ma tqisx l-offerta magħżula bħala anormalment baxxa.

It-tieni aggravju, ibbażat fuq żnaturament tal-fatti billi evalwat b'mod żbaljat il-kontenut tat-tweġiba tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2020.

It-tielet aggravju, ibbażat fuq kunsiderazzjoni żbaljata tal-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni li għandha l-awtorità kontraenti bis-saħħa tal-Artikolu 296 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 170(3) tar-Regolament Finanzjarju meta l-awtorità kontraenti tqis li l-offerta magħżula ma hijex anormalment baxxa.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Polonja) fil-15 ta' Frar 2022 – P.M. vs Dyrektor Izby Administracji Skarbowej w Warszawie

(Kawża C-105/22)

(2022/C 207/20)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Naczelny Sąd Administracyjny

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: P.M.

Konvenut: Dyrektor Izby Administracji Skarbowej w Warszawie

Domanda preliminari

L-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipju li t-taxxa tas-sisa, bħala taxxa fuq il-konsum fattwali, tinġabar fi stadju wieħed u l-prinċipju ta' proporzjonalità għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 107(1) tal-Ustawa z dnia 6 grudnia 2008 r. o podatku akcyzowym (il-Liġi tas-6 ta' Diċembru 2008 dwar it-Taxxa tas-Sisa) inkwantu ma tippermettix ir-rimbors, lill-persuna taxxabbli, tat-taxxa tas-sisa fuq l-esportazzjoni ta' karozza tal-passiġġieri rreġistrata, ikkalkolata proporzjonalment għall-perijodu tal-użu tagħha fit-territorju nazzjonali?

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Törvényszék (l-Ungerija) fil-15 ta' Frar 2022 – Xella Magyarország Építőanyagipari Kft. vs Innovációs és Technológiai Miniszter**(Kawża C-106/22)**

(2022/C 207/21)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Fővárosi Törvényszék

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Xella Magyarország Építőanyagipari Kft.

Parti oħra fil-proċedura: Innovációs és Technológiai Miniszter

Domandi preliminari

- 1) Fid-dawl tal-premessi 4 u 6 tar-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jstabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni ⁽¹⁾, u tad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 4 (2) TUE, l-Artikolu 65(1)(b) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi l-possibbiltà li tiġi stabbilita regola bħal dik fl-Artikolu 85 tal-a veszélyhelyzet megszűnésével összefüggő átmeneti szabályokról és a járványügyi készületségről szóló 2020. Évi LVIII. törvény (il-Liġi LVIII tal-2020, dwar ir-regoli tranżitorji relatati mat-tmiem tal-istat ta' emerġenza u dwar il-kriżi epidemjoloġika), u b'mod partikolari bħal dik fl-Artikolu 276(1) u (2)(a) u l-Artikolu 283(1)(b) tagħha?
- 2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda preliminari, is-sempliċi fatt li l-Kummissjoni bdiet proċedura ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet, eżerċitat il-kompetenzi tagħha u awtorizzat konċentrazzjoni li tikkonċerna katina ta' proprjetà ta' investitur barrani indirett, jipprekludi l-eżerċizzju tas-setgħa deċizzjonali abbażi tad-dritt tal-Istat Membru applikabbli?

⁽¹⁾ ĠU 2019, L 79I, p. 1.

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Gerechthof Amsterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi) fis-16 ta' Frar 2022 – X BV, Inspecteur van de Belastingdienst vs Douane**(Kawża C-107/22)**

(2022/C 207/22)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Gerechthof Amsterdam

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: X BV, Inspecteur van de Belastingdienst